MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 797/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 797/2008 fl-ismijiet:-**

**Rose Baldacchino u Sheila Scerri, Yvonne Theobold, Gladys Scicluna ahwa Baldacchino, ID 328827 (M), ID 327953 (M), ID 332481 (M), ID 64548 (M) rispettivament.**

**vs**

**Philip u Tessie konjugi Mangion ID 310853(M) u ID 372156(M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' Rose Baldacchino et datat 26 ta' Mejju 2008 a fol. 1 tal-process

fejn l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, talbu li l-intimati jigu mizmuma milli jnehhu t-tank ta' l-ilma ta' l-esponenti minn fuq il-bejt proprjeta` taghhom f'49, St. Anthony Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar jew b'xi mod iehor iwaqqaf il-komunikazzjoni ta' l-ilma ghal go l-imsemmi tank ta' l-ilma jew bejn it-tank ta' l-ilma u r-residenza ta' l-esponenti Rose Baldacchino f'51, St. Anthony Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar.

Illi l-imsemmi tank ta' l-ilma ilu fil-post li jinsab fih prezentement ghal ghexieren ta' snin.

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 2008 a fol. 4 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Philip u Teresa konjugi Mangion datata 29 ta' Mejju 2008 a fol. 5 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-4 ta' Gunju 2008 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr. Victor Scerri esebixxa l-kuntratt tal-akkwisti tal-fond tar-rikorrenti mmarkat bhala Dok. "A" u ddikjara li t-tank tal-ilma kien hemm meta nxtara l-post li pero` maz-zmien inbidel u hemm dak li hemm illum. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differita ghall-provediment *in camera.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan ir-rikors gie mahrug a bazi ta' l-**artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi:-

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat."*

*"(2) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Illi t-talba tar-rikorrenti hija fis-sens li l-intimati jigu mizmuma milli jnehhu t-tank tal-ilma li huma ghandhom fuq il-bejt proprjeta' tal-intimati 49, St. Anthony Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar jew li b'xi mod l-intimati ghandhom iwaqqfu l-komunikazzjoni tal-ilma ghal go l-imsemmi tank ta' l-ilma jew bejn it-tank tal-ilma u r-residenza tar-rikorrenti 51, St. Anthony Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar u dan ghaliex inghad li l-imsemmi tank tal-ilma ilu fil-post li jinsab fih prezentement ghal ghexieren ta' snin.

Illi min-naha taghhom l-intimati jsostnu li huma qatt ma kellhom l-intenzjoni li jiehdu l-ligi f'idejhom izda interpellaw lir-rikorrenti sabiex inehhu l-istess tank, ghalkemm ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda dritt li jzommu l-istess tank fuq il-bejt tal-intimati u fil-fatt dan kien qieghed hemm biss ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena b'tolleranza u apparti dan l-istess rikorrenti ma huma ser isofru l-ebda pregudizzju peress li ghandhom fejn iqieghdu l-istess tank.

Illi din il-Qorti jirrizultalha li l-istess fond tar-rikorrenti gie akkwistat minnhom fil-21 ta' Dicembru 1988 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar (Dok. "A") u fl-istess kuntratt ma jirrizultax li gie ndikat li l-istess akkwirenti ghandhom jew kellhom xi dritt jaghmlu tank ta' l-ilma fuq il-mezzanin sovrastanti, jinghad biss li l-istess fond huwa suggett ghac-cens perpetwu ta' €27.95 (Lm12), minn kull haga ohra liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, kif sottopost ghall-mezzanin li mieghu ghandu in komun is-sistema tad-*drain* u drenagg.

Illi din il-Qorti thoss li minn dan jirrizulta li r-rikorrenti ma ppruvawx *prima facie* li ghandhom dritt li juzaw il-bejt ta' terzi sabiex jaghmlu fuqu tank ta' l-ilma u dan ghaliex ma hemm xejn fl-istess kuntratt ta' l-akkwist tal-fond taghhom

li jtiehom tali dritt – dritt li jammonta ghal servitu` fuq proprjeta’ ta’ haddiehor u li ghalhekk jista’ jigi kostitwiet biss b’att pubbliku **(“Franz Studer Ruegg vs Salvatore Buttigieg”** – P.A. (GCD) – 22 ta’ Gunju 2004) u din il-Qorti thoss li mill-atti ta’ dan il-mandat kien wiehed biss ta’ semplici tolleranza u qatt ma kien hemm intenzjoni li jigi akkwistat xi dritt fuq il-proprjeta’ tal-intimati.

Illi mhux hekk biss izda mir-rikors promotorju ghalkemm jinghad li tali tank tal-bejt kien ilu hemm ghall-ghexieren tas-snin, fil-fatt jirrizulta biss li r-rikorrenti ilhom li ghandhom dan il-fond biss mis-sena 1988 u ma hemm ebda prova ta’ kemm kien ilu qabel dan it-tank ta’ ilma u allura certament lanqas hemm prova ta’ preskrizzjoni ta’ tlettin sena, (jekk din tapplika ghall-kaz in ezami) u fil-fatt l-istess rikors lanqas isemmi li qed jibbaza t-talba tieghu fuq xi titolu partikolari, lanqas dik ta’ preskrizzjoni izda jirreferi biss ghal semplici pussess ghall-allegat ghexieren ta’ snin, li fil-verita’ lanqas ma jirrizulta pruvat peress li l-fond inxtara biss fis-sena 1988.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li r-rikorrenti ma ppruvawx li ghandhom *prima facie* d-dritt pretiz minnhom u ghalhekk t-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda, b’dan pero’ li din il-Qorti qed taghmilha cara li dan ma jfissirx li l-intimati ghandhom jiehdu l-ligi f’idejhom u fil-fatt fl-ewwel paragrafu tar-risposta taghhom huma sostnew li *“qatt ma ried jiehu l-ligi b’idejh”.*

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-intimati datata 29 ta’ Mejju 2008 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet provizorju taghha tas-26 ta’ Mejju 2008, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 26 ta’ Mejju 2008 ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzoni** peress li tali talba mhix sostenibbli ghar-ragunijiet indikati f’dan il-provediment finali.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------